MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 137/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Concetta Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Gunju, 2006, ghall-habta ta' 10.00 a.m., gewwa B'Bugia
1. volontarjament kisret il-buon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat, glied, storbju jew mod iehor;
2. bi kliem, insulentat lil Josephine Bondin u Paolina Vella;
3. hebbet u kkagunat feriti fuq il-persuna ta' Paolina Vella hekk kif iccertifika Dr. Joe Cassar Delia;
4. talli kisret garanzija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D datata 8 ta' Mejju, 2006.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 338(dd), 339, 221, 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja skond l-akkuza w ikkundannatha thallas multa ta’ €349.41 (ekwivalenti ghal LM150).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-30 t’April, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellanti minn kull akkuza dedotta kontra taghha.

Fliet l-atti kollha processwali nkluzi t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija quddiem l-Ewwel Qorti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, fil-qosor, huwa li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament kompletament skorrett u dana peress li l-appellanti ma’ ghandha ebda kwistjoni ma ommha. Kien zejjed u skorrett ukoll il-kummett tal-Ewwel Qorti meta dina qalet li omm l-appellanti tibza minnha. Illi l-appellanti ghandha kwistjoni biss ma’ ohtha Josephine Bondin u xejn izjed. Issa kwantu ghal incident dawn iz-zewg xhieda jaghtu verzjoni kompletament divergenti dwar ezattament x’sehh b’mod li l-appellanti ma’ tifhimx kif il-Qorti ghazlet li ssib lill-appellanti hatja filwaqt li tillibera lill-imsemmija Bondin. Illi di piu’ x-xhieda li suppost strahet fuqha l-Ewwel Qorti ossia dik ta’ certu Magro ftit li xejn kienet illuminanti dwar min kienu l-partijiet li kienu fl-incident u min ghamel x’suppost ghamel. Illi l-appellanti wkoll esebiet certifikati medici li ndikaw il-feriti li hija sofriet bix-xeba’ li qalghet minghand ohtha f’dan l-incident. Illi ghalhekk isegwi li bhal ma ghamlet l-Ewwel Qorti fil-kaz kontra Josephine Bondin, l-appellanti kellha tigi lliberata wkoll minn l-akkuzi dedotti kontra taghha.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-lum.

Ikkonsidrat

Illi mill-ezami li din il-Qorti ghamlet tax-xhieda traskritti ma tarax li hemm ebda raguni ghaliex ghandha tvarja l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti w fi kwalunkwe kaz hija sodisfatta sal-grad tac-certezza morali li l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti jirrizultaw kollha pruvati.

Rat u qieset ukoll il-kondotta precedenti tal-appellanti li minnha jirrizulta li dana mhux l-ewwel incident li fih hija kienet involuta w fejn sehhew atti ta’ ingurji w anki ta’ vjolenza, darba minnhom anki kontra ufficjal pubbliku addett fl-isptar governattiv ghax kien qed jaghmel id-dover tieghu, w ghalhekk lanqas tara li hemm lok ghal xi temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------